# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz Numru 3138 JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**General Workers' Union**

**u**

**Tug Malta Ltd.**

**dwar il-jedd tal-GWU li tinnegozja mill-gdid il-kundizzjonijiet applikabbli ghall-gradi li hija tirraprezenta.**

**<u>Illum il-Gimgha 18 ta' Ottubru 2013</u>**

1. **Dahla**

Nhar it-Tlieta 24 ta'Settembru 2013 fil-Qrati Superjuri, fil-bidu ta' l-ewwel seduta l-Avukat Robert Abela, f'isem is-socjeta` intimata, ghamel talba lic-Chairman biex jirrikuza lilu nnifsu.

**Verbali tal-Partijiet:**

2.1 "L-Avukat Robert Abela ghas-Socjeta intimata waqt li jesprimi kull fiducja fl-integrita' u l-kapacita' tal-persuna li tokkupa s-sedja f'dan il-kaz, umilment jitlob ir-rikuza tal-persuna minhabba li kellu kariga gholja, fil-passat, mas-Socjeta' rikorrenti. Saret riferenza kemm ghall principju tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u cioe *"justice must not only be done but must be seen to be done"* kif ukoll gie riferit li t-talba qieghda issir skond L-Art. 734

(1)(e) tal-Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta li hu applikabbli ghat-Tribunal Industrijali"

2.2 L-Avv. Abigail Critien ghas-Socjeta rikorrenti tirremetti ruha, izda talbet li tinghata terminu ghall-prezentata tad-dikjarazzjoni tal-kaz tal-Union.

**2. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

It-Tribunal Industrijali:

3.1 Ra l-verbal tal-partijiet.

3.2 Ghamel riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll ghall-Art 734 (1)(e) tal Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3.3 Ha nota tal-kummenti addizzjonali, kif ukoll tal-kliem ta' fiducja rigwardanti l-integrita' u l-kapacita' tac-Chairman.

3.4 Ghamel riferenza ghall-processi quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kazi numru 1,454, 1,583, 1,801, 1,776 u b'mod partikulari dak bin-numru 2,190 kollha presjeduti mill-istess persuna li fl-imghoddi kellha l-istess kwalita' ta' rabta ma' wahda mill-partijiet fil-kwistjonijiet tax-xoghol imsemmija, bhal dik li kellha l-persuna li qieghda tippresjedi fil-kaz odjern.

**3. Digriet:**

Fid-dawl tar-rikjesta ghar-rikuza tac-Chairperson, dan it-Tribunal ra u fela bl-attenzjoni dovuta l-Artikli minn 733 sa 740 tal_Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta b'mod partikolari dak indikat mill-Avv. Abela u cioe Art 734 (1) (e). Dan ghamlu fl-ambitu tal-principju fundamentali li "l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid tkun tidher li qed issir".

F'dan il-kuntest dan it-Tribunal ma jqiesx ir-raguni mqajjma bhala wahda sufficjenti sabiex jilqa t-talba rikjesta, u ghaldaqstant jordna il-prosegwiment ta' dan il-kaz.

___________________
James H Pearsall
Chairman